**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 27 ta' Gunju 2018**

Numru 3

**Rikors Nru. 76/2017**

**Kenneth Abela**
**vs**
**L-Avukat Generali, u**
**l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-22 ta' Settembru 2017 li jghid hekk:

Illi l-esponenti kien applika sabiex jigi rikonoxxut bhala "persuna kompetenti" mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi, liema applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-imsemmija Awtorita intimata b'decizjoni tal-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Illi l-esponenti fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) interpona appell minn din id-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi kostitwit b'rabta mal-Awtorita intimata, liema appell beda jinstemgha fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Illi f'Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011), l-appell tal-esponenti gie mholli ghad-decizjoni.

Illi d-decizjoni madanakollu ma nghatatx, u sehhew numru ta' differimenti, matul liema l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi in kwistjoni kellu anke jigi rikostitwit.

Illi eventwalment il-funzjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi fuq imsemmi gew assorbiti mit- Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, in segwitu ghad-dhul fis-sehh tal-Kapitolu erba' mija u disghin (490) tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk l-appell tal-

esponenti gie riappuntat quddiem l-imsemmi Tribunal ghall-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u sussegwentement ghas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Illi madanakollu, it-Tribunal ta' Revizoni Amministrattiva astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell billi dan kien differit ghas-sentenza, u billi f’'kazijiet fejn l-appell ikun differit ghas-sentenza, is-sentenza trid tinghata mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, skond l-Artikolu erbgha u ghoxrin (24) tal-Kapitolu erba' mija u disghin (490) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-atti ntbaghtu Iura lill-istess Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li ghadu mhux legalment kostitwit, u sallum l-appell tal-esponenti ghadu pendenti jistenna l-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi dana kollu jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-esponenti ghad-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet civili tieghu minn tribunal indipendenti u imparzjali fi zmien ragjonevoli, billi d-dewmien sabiex tittiehed decizjoni dwar l-appell tal-esponenti huwa oltraggjuz u certament wiehed irragjonevoli, u ghalhekk in kontravvenzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi minkejja l-fatt li l-intimati gew debitament interpellati sabiex jirrimedjaw ghall-vjolazzjoni subiti u li ghadha qed tigi subita mill-esponenti, izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob IiI dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti soffra u ghadu qed isoffri vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif tutelati mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

(2) taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha Ii lilha jidhrulha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mill-esponenti ma tibqax tigi perpetwata u tieqaf, u kif ukoll sabiex l-istess ksur ta' drittijiet fondamentali jigi rimedjat u riparat, inkluz b'ordni ghal hlas ta' kumpens ghal danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-vjolazzjoni lamentata,
u dan kollu previa kull dikjarazzjoni ohra opportuna.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju bin-numru 171/2017, kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti in subizzjoni .

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali li tghid hekk:

1. IIli preliminarjament, ir-rikorrent ma kellux ghalfejn idur fuq I-azzjoni kostituzzjonali jekk ried Ii I-appell tieghu mid-decizjoni tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi jigi mismugh. Il-kaz tieghu jista' jinstema' bla xkiel mit-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva ghaliex bis-sahha tal-Avviz: Legali 184 tal-2012, dan it-tribunal ha post it-Tribunal taI-Appelli dwar ir-Rizorsi;

2. Illi ghalkemm huwa minnu Ii b'zewg verbali tal-20 ta' Frar 2013 (Dok. AG1) u tas-27 ta' Jannar 2014 (Dok. AG2), it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva iddecieda Ii jastjeni milli jqis I-appell ghaliex fil-fehma tieghu I-artikolu 24 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet

ta' Malta jzommu milli jaqta' l-appell minhabba li dan kien fi stadju tas-sentenza quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, madankollu l-astensjoni u r-rinviju lil dan it-Tribunal ma jistghux jitwettqu peress li sa mill-2012 it-Tribunal talI-Appelli dwar ir-Rizorsl intemm milli jezisti. Huwa bil-wisq naturali li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jista' jastjeni minn appell imressaq quddiemu skont l-artikolu 24 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta u jibghat l-atti quddiem il-forum kompetenti jekk kemm-il darba jintwera li dak il-forum kompetenti ghadu jezisti u jista' jaghti s-sentenza. Fil-kaz taghna t-Tribunal talI-Appelli dwar ir-Rizorsi ma ghadux jidher aktar fil-kotba tal-Iigi, lanqas biex jisma' appelli pendenti glias-sentenza bis-sahha ta' xi dispozizzjoni tranzitorja. Billi ghalhekk dan it-tribunal ma ghadx ghandu hajja u identita legali, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva anke fuq il-bazi tal-principju tal-forum necessitatis huwa kompetenti li jaqta' l-appell tar-rikorrent;

3. Illi peress li l-astensjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva saret fil-forma ta' digriet, ir-rikorrent jista' jitlob lill-istess Tribunal biex jirrevoka dan id-digriet tieghu contrario imperio u b'hekk jisma l-kaz. Jekk min-naha l-ohra ghal xi raquni t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jibqa' jinsisti li huwa mhux kompetenti li jiddeciedi l-kaz allura l-ghazla tieghu li ma jismax aktar il-kaz ghandu jiktibha f'sentenza minhabba li skont l-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, eccezzjoni ta' inkompetenza trid tigi deciza b'sentenza u mhux b'semplici verbal. B'dan il-mod ir-rikorrent ikollu l-opportunita li jappella mid-decizioni tal-Bord ta' Revizjoni Amministrattiva quddiem il-Qorti tal-Appell kif jipprovdi l-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. IIIi fdawn ic-cirkostanzi ghalhekk fil-fehma tal-esponenti dan ghandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tastjeni milli tqis l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. IIIi bla hsara ghall-premess ir-rikorrent ma jistax jinvoka favur tieghu d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi la jolqot drittijiet jew obbligi civili u lanqas akkuzi kriminali. Jigi b'hekk li l-ilment tar-rikorrent kif mibni fuq dawn iz-zewg artikoli huwa inammissibbli;

6. IIIi f'kull kaz ir-rikorrent ma jistax jilmenta dwar dewmien eccessiv galadarba huwa ma hax hsieb jinqeda bir-rimedji moghtija lilu bil-ligi biex jizgura li l-kaz tieghu jinstema mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imfissra t-talbiet imressqa minn Kenneth Abela ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi li tghid hekk:

1. IIli preliminarjament u fl-ewwel lok, ladarba ir-rikorrenti qed jitlob li jitfiehdu l-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha opportuni sabiex l-allegata vjolazzjoni subita mill-esponenti ma tibqax tigi perpetwata u tieqaf. sitwazzjoni li allegatament qieghda ssehh minhabba l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, l-Awtorita esponenti mhijiex il-kontraditur legittimu ghar-ragunijiet segwenti:

(i) billi din l-allegata sitwazzjoni tista' tigi biss sanata permezz ta' emendi fil-ligi u li l-eghmil ta' emendi lill-istess Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva huwa r-responsabbilta tal-Ministru responsabbli u mhux tal-Awtorita esponenti; u
(ii) Illi f'kull kaz. ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma ('ir-Regolatur') illum hija l-entita li tirregola s-settur tal-energija u l-ilma f'Malta u fost ir-responsabbilitajiet l-ohra tieghu huwa li jirregola l-approvazzjoni tal-persuni kompetenti fis-settur tal-LPG. u l-ligi rilevanti dwar dan (il-legislazzjoni sussidjarja 545,20) illum ssejjah lir-Regolatur bhala l-entita kompetenti u dan bis-sahha tal-artikolu 43 tal-Kap. 545.

3. Illi f'kull kaz u fuq il-mertu, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant l-esponenti, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu

Rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn ir-rikorrenti qed jallega li hu qed isofri lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu li jkollu acess ghal tribunal imparzjali u independent ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu u inoltre d-dewmien ghal tali access hu irragonevoli u oltragguz bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Il-fatti fil-qosor u li fuqhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kien impjegat tal-Enemalta u fl-2010, applika ghal reklam tal-Malta Resoruces Authority ghal course ta' tahrig biex isir 'competent person' fil-qasam tat-teknologija tal-liquified petroleum gas skond ma jispecifika LN 249/2008 (Regulation 2 tal LPG Market Regulation). Hu gie accettat ghal course u wara li ghamel il-course, u resaq ghall-ezamijiet, ghadda mill-istess course skont ma jirrizulta mic-certifikat a fol. 21 tal-process. Madankollu b'ittra al-15 ta' Dicembru 2010 l-MRA infurmatu illi skont LN 249/2008 persuna kompetenti kellu jkun fil-pussess ta' warrant li jipprattika bhala engineer taht l-Engineering Act. Hu appella fil-11 ta' Jannar 2011 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi. L-appell tieghu gie differit ghad-decizjoni wara li instemghu il-provi u sottomissjonijiet liema decizjoni giet differita diversi drabi. Fil-mori tal-istennija ghad-decizjoni l-funzjonijiet tat-Tribunal tal-Appell dwar ir-Risorzi

gie assorbit mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bd-dhul fis-sehh tal-AL 184/12 maghmul taht il-Kap. 423 cioe l-Att dwar l-Awtorita Maltija dwar ir-Rizorsi u ghalhekk l-appell gie riappuntat quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministratta ghall-20 ta' Frar 2013 u sussegwentement ghas-27 ta' Jannar 2014. It-Tribunal astjena fiz-zewg okkazzjonijiet milli jiehu konjizzjoni tal-appell billi skond hu, billi l-appell tieghu kien differit ghas-sentenza, din kellha tinghata mit-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi skont l-artikolu 24(3) tal-Kap. 490 cioe l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva. Pero dan l-appell qatt ma gie deciz ghax it-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi baqa' mhux kostitwit.

L-Avukat Generali ressaq diversi eccezzjonijiet ghal din it-talba. Hu jsostni illi l-appell tar-rikorrenti jista' jinstema bla xkiel mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan ghaliex ghalkemm l-artikolu 24(3) tal-Kap. 490 jzommu milli jaqta' l-appell ghax dan kien fi stadju tas-sentenza quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi pero din l-eccezzjoni ghal gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma setghetx tavvera ruhha ghax bl-Avviz Legali 184/2012 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ha post it-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi li gie abolit kompletament. Kwindi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kellu jkun il-forum necessitatis biex ikompli dak li ma setax jittermina t-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi.

L-Avukat Generali izid illi r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju ghax seta' talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minhabba dan in-nuqqas u jekk it-Tribunal jibqa' jinsisti jitlob li d-decizjoni tal-inkompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tinghata f'forma ta' sentenza skont l-artikolu 730 tal-Kap. 12 li minnha seta' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appelli jekk it-Tribunal isostni d-decizjoni mehuda.

Fl-ahhar nett l-Avukat Generali jissottometti li r-rikorrenti ma jistax jinvoka l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li l-appell mid-decizjoni tal-Awtorita ma tolqotx id-drittijiet jew obbligi civili u anqas kriminali tar-rikorrenti. Id-dewmien lamentat mir-rikorrenti seta' jigi rimedjat kieku ha l-passi skont il-ligi bir-rimedju fuq sottomess.

L-Awtorita irrispondiet illi hi mhix legittimu kontradittur ghax ir-rikorrent qed ifittex rimedju ghal vjolazzjoni subita minhabba l-applikazzjoni tal-Kap. 490 u tali allegata vjolazzjoni tista' tigi sanata biss b'emendi fil-ligi liema emendi huma responsabilta tal-Minsitru. F'kull kaz ir-regolatur ghas-servizzi tal-energija u l-ilma hi l-entita responsabbli li jirregola l-approvazzjoni ta' persuni kompetenti.

**Eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita**

L-Awtorita qed tissottometti li mhix legittimu kontradittur ghax ir-rikorrent qed ifittex rimedju ghal nuqqas f'ligi li tista' tigi rattifikata b'emenda fil-ligi li mhux kompitu tal-Awtorita izda tal-Ministru. Din il-Qorti tqis illi dan mhux ragunament siewi. L-Awtorita hi l-parti interessata direttament fl-appell li sar mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal tal-Appell dwar ir-Rizorsi. Ir-rimedju li qed ifittex ir-rikorrenti hu li jinghata forum fejn dan l-appel jinstema u jigi deciz u ghalhekk l-Awtorita ghandha kull interess li tkun parti f'dawn il-proceduri li l-ezitu taghhom ser jaffettwaha wkoll u ghaliex ukoll l-gudizzju ikun integru fis-sens li l-partijiet kollha kolpiti b'din id-decizjoni jkunu inghataw l-opportunita li jaghmlu l-provi u sottomissjonijiet taghhom.

In kwantu ghas-sottomissjoni li jkun ir-regolatur ghas-servizzi tal-energija u l-ilma li jqis min hu 'persuna kompetenti' skont il-ligi, din ukoll ma fihiex siewi. Il-vertenza quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar ir-Rizorsi kien u ghadu bejn ir-rikorrent u l-Awtorita. Jekk sar xi bdil fil-poteri u obbligi tal-Awtorita dan ghandu jigi rifless f'dawk il-proceduri u mhux f'din il-procedura li saret fil-konfront tal-partijiet li ghadhom sa issa jidhru bahla l-partijiet direttament interessati fil-proceduri tal-appell quddiem dak li kien it-Tribunal tal-Appell dwar ir-Rizorsi. Il-kwistjoni dwar il-bdil tal-ligi biex tigi sanata s-sitwazzjoni ser tigi trattata aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

**Eccezzjoni tal-Avukat Generali li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju effettiv**

Biex il-Qorti tqis din l-eccezzjoni wiehed irid jikkunsidra x'sehh fil-proceduri tal-appell wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 184/2012, emendi ghal kap. 423. B'dan l-Avviz Legali gie effettivament abolit it-Tribunal tal-Appell dwar ir-Rizorsi u l-mansjonijiet tieghu marru fuq it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. F'dan iz-zmien l-appell kien ilu xi zmien differit ghad-decizjoni. B'zewg digrieti tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva gie dikjarat li t-Tribunal ma kellux il-

kompetenza jisma l-appell minhabba dak misjub fl-artikolu 24(3) tal-Kap. 490 li kien jistipula illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma kellux jisma appelli ta' Tribunali ohra li kienu differiti ghad-decizjoni. Dan hu korrett sa certu punt ghax f'diversi ligijiet li abolew tribunal u sostitwewhom ma' proceduri ohra bhal dawk li jirrigwarda appelli mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (art. 34(6) tal-Kap. 372 jew tal-VAT (art. 47A(4) u (5) tal-Kap. 406) jew appelli minn decizjonijiet tal-MEPA meta nbidlet il-ligi u saret dispozizzjoni transitorja fejn appelli differiti ghas-sentenza kellhom jibqghu jigi decizi mill-istess tribunal li kien qed jismghahhom sakemm jigu decizi l-appelli pendenti fi stadju ta' decizjoni. Mhux hekk sehh f'dan il-kaz. Kwindi r-rikorrenti gie rinfaccjat bid-dilemma li ma kellux forum fejn jigi deciz l-appell tieghu jekk ma jisimghux it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li kien il-forum idoneju u ta' necessita bil-ligi principli jekk mhux ghall-artikolu 24(3). L-artikolu 24(3) ma setghax jinhadem f'dan il-kaz ghax ma kien hemm ebda Tribunal ta' Appell dwar ir-Rizorsi li kien abolit. Ghalhekk id-digrieti tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kienu zbaljati billi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fic-cirkostanzi eccezzjonali kien il-forum necessitatis u kellu jisma u jiddeciedi l-appell hu u b'hekk jassigura smigh u decizjoni mill-appell maghmul mir-rikorrenti.

Hu minnu illi kif jissottometti l-Avukat Generali, ir-rikorrent seta' ikkontesta d-digriet tat-Tribunal Amministrattiv b'talba ghar-revoka contrario imperio u jinsisti b'sentenza peress li d-decizjoni ta' inkompetenza trid tinghata b'sentenza u bi dritt ta' appell minnha (ara artikolu 730 tal-Kap. 12). Pero l-Qorti tqis illi l-istess Tribunal diversament kompost ghal darbtejn iddegreta li ma kellux kompetenza u ma kien hemm ebda garanzija li talba ghal revoka kienet ser tigi milqugha jew jekk setghatx issir fic-cirkostanzi, u bl-istess mod talba biex it-Tribunal jaghti sentenza ta' inkompetenza, kwindi jinghata rimedju ordinarju effettiv. Il-Qorti fic-cirkostanzi tqis li ma ghandhiex tiddeklina milli tuza d-diskrezzjoni taghha li tisma u tiddeciedi l-vertenza hi biex ma jkomplix jintilef zmien li minn natura taghha ma messhiex waslet sa hawn.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-Avukat Generali qed tigi michuda.

**Eccezzjoni tal-Avukat Generali li l-appell mid-decizjoni tal-Awtorita ma tolqotx id-drittijiet jew obbligi civili u anqas kriminali kif irid l-artikolu 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti hu n-nuqqas ta' access ghal tribunal li jiddeciedi l-appell tieghu. Din il-Qorti gia esprimiet ruhha illi r-rikorrent ma jistax jigi imcahhad minn dan id-dritt li fiz-zmien li gie abolit it-Tribunal, kellu l-appel tar-rikorrenti differit ghad-decizjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma illi dan id-dritt ghandu jigi konfermat u ezercitat favur ir-rikorrent. Madankollu ma tistax ma taqbilx mal-intimat Avukat Generali illi l-artikolu 6 jaghti d-dritt ghal smigh xieraq u bla dubju dan is-smigh ghandu jigi ezercitat mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fic-cirkostanzi tal-kaz, pero fl-istess waqt l-artikolu 6 jorbot id-dritt ta' smigh xiraq ma' dritt jew jedd civili maghruf mill-ligi [ara f'dan is-sens **ITC Limited vs Malta** (11/12/2007)]. Din hi l-interpretazzjoni li din il-Qorti tqis ghandha tinghata lil principju marbut mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hawn tippekka t-talba attrici kif imfassla. Il-Qorti ma tqis illi l-fatt li r-rikorrenti ghadda minn ezami biex it-talba tieghu lil MRA biex jitqies bhala 'persuna kompetenti' tista' timxi l-quddiem, wahedha tikkostitwixxi dritt civili maghruf bil-ligi. Dan ic-certifikat miksub mir-rikorrenti ma jikkostitwixxi ebda dritt civili izda rekwizit biex it-talba tieghu tigi trattata amministrattivament mill-korp kompeteneti cioe l-MRA. Ic-certifikat esebiet innifsu ma jintitolax lir-rikorrenti li jitqies awtormatikament bhala 'persuna kompetenti' ghaliex dan kien jiddependi mill-approvazzjoni tal-istess MRA wara li jivverifika d-dokumentazzjoni methtiega inkluz ic-certifikat tal-ezami. Ir-rikorrent ma jistax jitqies li kellu dritt ta' ghazla awtomatika ghax thalla jippartecipa f'kors li waslu ghal ezami u certifikat. Dan qed jinghad biss ghal finijiet tal-kawza kostituzzjonali u t-tifsira ta' dritt maghruf bil-ligi minghajr ma b'xi mod il-konsiderazzjonijiet f'din il-kawza jimpingu fuq il-mertu tal-appell li r-rikorrent ghandu quddiem dak li kien it-Tribunal tal-Appell dwar ir-Rizorsi.

Maghdud dan, din il-Qorti ma tqis li r-rikorrent ghandu jibqa' bla rimedju la darba d-dritt ta' access ghal Tribunal ta' Appell qed jigi michud lilu, ghax tkun qed tigi perpetwa ta' ingustizja akbar. Il-Qorti tqis li l-insenjament fil-kawza Kostituzzjonali **Emanuel Camilleri u Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla fid-29 ta' Settembru 2016 u finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru

2017 ghandu jipprevali u ghalkemm ghandu jigi dikjarat illi l-lanjanza tar-rikorrenti ma issibx sostenn fid-definizzjoni ta' dritt civili maghruf bil-ligi skond ma jrid l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni pero ma jistax ir-rikorrent jibqa' bla rimedju fis-sens li bin-nuqqas ta' rimedju jkun qed jigi mcahhad id-dritt tar-rikorrenti ghal access quddiem Qorti jew Tribunal biex jiddeciedi l-appell tieghu. Din il-Qorti tqis li ghandha tezercita l-poter taghha taht l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 li taghti rimedju f'cirkostanzi eccezzjonali billi thassar id-digrieti tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn astjena milli jiddeciedi l-appell tar-rikorrenti.

B'dankollu u minhabba l-fatti u l-konsiderazzjonijiet maghmula, ir-rikorrenti ma ghandu jinghata ebda kumpens non pekunjarji kif mitlub minhabba dak li ghadu kif intqal aktar il-fuq.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi li mhix legittimu kontradittur, qed tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju effettiv pero tilqa' l-eccezzjoni tieghu illi l-lezjni subita ma tikkwalifikax bhala dritt civili maghruf bil-ligi skont artikolu 6 tal Kovenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Pero fic-cirkostanzi tqis li l-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha f'kawzi ta' din in-natura biex ma issirx u tigi perpetwata ingustizzja a bazi tal-artikoli 4(2) tal-Kap. 319 u filwaqt li thassar id-digrieti tat-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva tal-20 ta' Frar 2013 u 27 ta' Jannar 2014 u tordna lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bhala l-forum necessitatis sabiex fi zmien qasir jisma u jiddeciedi l-appell tar-rikorrenti, filwaqt li tichad it-talba tieghu ghal kumpens non pekunjarju.

Spejjez tal-kawza fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lid-Direttur Qrati Civili biex jirrimetti l-atti lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur